MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2010

Talba Numru. 403/2010

**Middle Sea Insurance p.l.c.**
**(C-5553)**

**vs**

**Clayton Portelli u David Portelli *in solidum***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet illi jigi dikjarat illi l-konvenuti in solidum bejniethom huma debituri tas-socjeta' attrici fis-somma ta' elfejn, mija u tmienja u hamsin Euro u erbgha u tmenin centezmu (€2,158.84c) liema somma s-socjeta' attrici Middle Sea Insurance p.l.c., kienet obbligata li thallas lil Elmo Insurance Limited u Paul Abela a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta in segwitu ta' sentenza moghtija fic-Centru Malti ta' l-Arbitragg fit-8 ta' Frar 2010 fl-ismijiet *Elmo Insurance Limited et vs Clayton Portelli (Arbitragg*

*Nru. M 1379/2008)* liema sentenza tirrigwarda incident tat-traffiku li fih kien involut il-konvenut, Clayton Portelli liema incident tat-traffiku gara fis-17 ta' Dicembru 2005 gewwa Hal Tarxien waqt li huwa kien qed isuq il-vettura numru CBH 393 (liema vettura kienet dak iz-zmien tal-incident assikurata mas-socjeta' attrici Middle Sea Insurance p.l.c.) u ghal liema incident l-istess Clayton Portelli instab unikament responsabbli, u dana kollu sejjer jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Ghal kull buon fini jigi rilevat illi l-vettura numru CBH 393 kienet assikurata f'isem David Portelli, missier Clayton Portelli. Skond il-Polza persuni oltre l-eta' ta' hamsa u ghoxrin (25) sena biss kienu awtorizzati li jsuqu din il-vettura. Meta sehh l-incident Clayton Portelli kellu biss tmintax (18) il-sena, u ghalhekk kien hemm ksur tal-kundizzjonijiet tal-Polza u dana kollu kif sejjer jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Bl-ispejjez, kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni u bl-imghaxijiet legali.

Ra r-risposta tal-konvenuti, li permezz taghha eccepew illi fil-konfront ta' David Portelli l-kaz huwa preskritt stante li ghadda l-perjodu preskritt mil-Ligi biex tkun tista' tibda kull procedura civili fil-konfront ta' David Portelli. Illi dan il-kaz ukoll ma jistax jigi deciz minn dan it-Tribunal imma l-gurisdizzjoni kellu jkun ic-Centru ta' l-Arbitragg stante li dan il-kaz huwa konness ma' incident stradali u dan fil-konfront ta' David Portelli u Clayton Portelli. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel u ghat-tieni eccezzjoni t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif se jigi ppruvat waqt il-mori tal-kawza.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici li qed tigi minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Semgha t-trattazzjoni.

Illi din is-sentenza tittratta dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuti, u cioe' dwar in-nuqqas ta' kompetenza *ratione materie* ta' dan it-Tribunal sabiex jaqta' u jiddecidi din il-kawza, kif ukoll dwar l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni.

Ikkunsidra,

Illi mill-provi mressqa mill-partijiet b'referenza ghal dawn iz-zewg eccezzjonijiet, irrizulta illi s-socjeta' attrici harget polza ta' assigurazzjoni fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CBH 393, liema polza ta' assigurazzjoni kienet f'isem il-konvenut David Portelli, u hija tat-tip "*third party only*". Illi kif jirrizulta mill-istess polza ta' assigurazzjoni, l-kopertura kienet limitata ghal "*the insured only*", u l-perjodu ta' kopertura kien mit-28 ta' Lulju 2005 sal-31 ta' Marzu 2006. Dan kollu jirrizulta minn Dok. JB1, li jinsab a fol. *20* tal-atti.

Illi rrizulta wkoll illi fis-17 ta' Dicembru 2005, il-vettura in kwistjoni kienet involuta f'incident awtomobilistiku, u fil-hin tal-incident, il-karozza kienet qed tigi misjuqa mill-konvenut Clayton Portelli (Dok. JB 2 a fol. 21 *et seq.* tal-atti). Illi dan tal-ahhar ma kienx kopert bil-polza ta' assigurazzjoni relattiva.

Illi b'segwitu ta' decizjoni li nghatat fi proceduri li saru fi hdan ic-Centru Malti tal-Arbitragg fl-ismijiet Elmo Insurance Limited et vs Clayton Portelli (M1379/2008), il-konvenut nstab responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in kwistjoni, u ghalhekk gie kkundannat sabiex ihallas is-somma ta' elf mija u sitta u disghin Ewro u disgha u tlettin centezmu (€1,196.39c), u dan kif jirrizulta mid-dokument li jinsab a fol. 31 *et seq* tal-atti.

Illi b'segwitu ta' din id-decizjoni, u b'applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, is-socjeta' attrici vversat il-hlas in kwistjoni, anzi fl-ammont kumplessiv ta' elfejn mija u tmienja u hamsin Ewro u erbgha u tmenin centezmu (€2,158.84c), kif jirrizulta minn Dok. JB 5 a fol. 28 u Dok. JB 6 a fol. 29 tal-atti. Illi

b’segwitu ta’ dan il-hlas, is-socjeta’ attrici intavolat l-azzjoni odjerna, li permezz taghha qed titlob minghand il-konvenuti refuzjoni tas-somma in kwistjoni, u dan a bazi ta’ “ksur tal-kundizzjonijiet tal-Polza”.

Illi permezz tar-risposta taghhom, il-konvenuti qed jecceppixxu illi dan it-Tribunal m’ghandux kompetenza sabiex jaqta’ u jiddecidi dwar din it-talba, stante nuqqas ta’ kompetenza *ratione materie*, u li se mai tali azzjoni kellha tigi proposta fi hdan ic-Centru Malti tal-Arbitragg, u dan b’applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tar-Raba’ (4) Skeda tal-Kap 387 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkunsidra,
Illi r-Raba’ Skeda tal-Kap 387 tipprovdi kif gej:

“It-tilwimiet hawn izjed ’l isfel imsemmija fit-Taqsima A ghandhom jigu
determinati b’arbitragg u ghandhom jittiehdu f’arbitragg taht ir-regoli msemmija fit-
Taqsima B b’zieda ma’ dawk ir-regoli li jistghu jigu mahruga mic-Centru minn zmien
ghal zmien.

Taqsima A
1.1 Tilwimiet dwar *Condominium*
Kull tilwima li tirrigwarda *condominium* u li skond l-Att dwar il-
*Condominia* (Kap. 398) ghandha tigi sottomessa ghal arbitragg.
1.2 Tilwimiet dwar it-Traffiku ta’ Vetturi bil-Mutur
Kull tilwima civili jew kummercjali, li ma tkunx wahda li jkollha x’taqsam
ma’ talba ghal danni ghal hsara fil-persuna, li tkun tilwima li torigina minn:
(*a*) kollizjoni bejn vetturi, jew
(*b*) hsara involontarja fil-proprjetà li tinvolvi l-vetturi, jew
(*c*) talba bhal dik kontra assiguratur awtorizzat, kumpannija assiguratrici
fuq il-hajja, *underwriter* approvat mill-Ministru responsabbli ghat-trasport

jew persuna ohra li skond l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni
ta’ Vetturi tal-Mutur ghar-Riskji ta’ Terzi Persuni (Kap. 104) jew xi
polza ta’ assigurazzjoni, tista’ tkun responsabbli dwarha, u
(*d*) li l-valur taghha ma jkunx jeccedi l-hdax-il elf u sitt mija u sitta u
erbghin Ewro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87).
1.3 Tilwimiet marbuta mas-servizzi ta’ l-elettriku u ta’ l-ilma.”

Illi jkun opportun illi fl-ewwel lok issir referenza ghad-decizjoni li nghatat mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta’ Settembru, 2011 fil-kawza fl-ismijiet **H Vassallo & Sons Limited vs Avukat Generali et**, fejn gie dikjarat illi “…l-arbitragg mandatorju bhala effett tal-Artikolu 1.3 tar-Raba’ Skeda tal-Att dwar l-Arbitragg fid-dawl tal-Artikoli 15(11) tal-istess att huwa leziv tad-dritt ghal smiegh xieraq kif protett kemm fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta kif ukoll fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata fl-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta’ Malta)…”. Illi ghalkemm din id-decizjoni tittratta specifikament dwar tilwimiet relattivi ghas-servizzi ta’ l-elettriku u ta’ l-ilma, u mhux ghall-Artikolu shih tal-Ligi, hija rilevanti ghall-kaz odjern stante illi l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali ezaminat l-Istitut ta’ Arbitragg in kwantu bl-introduzzjoni fl-2004 tal-Artikolu 15(11) tal-Kap 387 tal-Ligijiet ta’ Malta, gie introdott ghall-ewwel darba l-kuncett ta’ Arbitragg Mandatorju. Illi ghalhekk, u fid-dawl tal-fatt illi dan is-subinciz 1.3 ta’ Taqsima A fir-Raba’ Skeda tal-Kap 387 tal-Ligijiet ta’ Malta gie dikjarat null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi, jista’ jwassal ghal tibdil mil-Legislatur tal-kumplament tal-Artikolu tal-Ligi relattiv, li madanakollu u sad-data tal-prezenti, tali tibdil ghadu ma sehhx.

Illi ghalhekk, u gialadarba din id-disposizzjoni tal-Ligi ghadha ma gietx imhassra jew emendata, jehtieg illi din l-eccezzjoni dwar in-nuqqas ta’ kompetenza tigi analizzata u deciza. Illi mill-Avviz tat-talba jirrizulta illi ghalkemm is-socjeta’ attrici qed titlob refuzjoni minghand il-konvenuti ta’ somma flus li thallset b’segwitu ta’ kollizjoni bejn vetturi,

madanakollu, l-bazi tal-azzjoni odjerna m'hix din l-istess kollizjoni, izda l-obbligi kontrattwali li l-konvenut David Portelli – fil-kwalita' tieghu ta' assigurat mal-istess socjeta' attrici – kellu mal-istess socjeta' attrici, naxxenti mill-polza ta' assigurazzjoni relattiva. Illi ghalhekk l-azzjoni odjerna tittratta dwar danni *ex contractu* reklamati mis-socjeta' attrici, u mhux dwar danni *aquiliani.*

Illi ma jezisti ebda dubbju illi meta l-konvenut David Portelli akkwista l-polza ta' assigurazzjoni minghand is-socjeta' attrici, inholqot relazzjoni kontrattwali bejniethom. Illi kien proprju a bazi ta' din ir-rabta kontrattwali illi s-socjeta' attrici wettqet il-hlas ghad-danni sofferti minn terzi b'segwitu tal-incident awtomobilistiku li fih kien involut il-konvenut Clayton Portelli, u dan in kwantu s-socjeta' attrici intrabtet illi twettaq hlas lil terzi jekk jrrizulta illi l-assigurat taghha kien responsabbli ghall-incident stradali.

Illi madanakollu, is-socjeta' attrici ssostni illi l-konvenut David Portelli, u cioe' l-assigurat taghha, kiser wahda mill-kundizzjonijiet kontrattwali meta dan ippermetta illi persuna mhux validalment koperta bil-polza ta' assigurazzjoni in kwistjoni, issuq il-vettura li sfat involuta fl-incident stradali li wassal ghad-decizjoni relattiva, u ghalhekk qed titlob minghandu refuzjoni tal-flus li thallsu indebitament ghan-nom tieghu. Illi gialadarba l-kwistjoni li jehtieg li tigi ttrattata f'din il-kawza tirrigwarda obbligi naxxenti minn relazzjoni kontrattwali ezistenti bejn is-socjeta' attrici u l-konvenut David Portelli, jsegwi illi tali kwistjoni ma tinkwadrax ruhha fil-parametri tal-provvediment tal-Ligi hawn fuq riferit, ghaliex il-provvediment tal-Ligi in kwistjoni jittratta dwar talbiet fejn jehtieg li tigi stabbilita r-responsabilita' ghal incident stradali u hsarat involontarji kkawzati minn vetturi, jew dwar talba rivolta fil-konfront ta' assigurazzjoni in konnessjoni ma' polza ta' assigurazzjoni. Illi dwar min huwa responsabbli ghall-incident stradali in kwistjoni, f'dan il-kaz gie stabbilit definittivament permezz tad-decizjoni moghtija fl-Arbitragg Mandatarju bin-numru ta' referenza M1379/2008.

Illi ghalhekk it-Tribunal ser jghaddi sabiex jichad l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuti dwar in-nuqqas ta' kompetenza tieghu sabiex jaqta' u jiddecidi dwar il-mertu tal-kawza odjerna.

Illi jsegwi ghalhekk, illi ghandu jigi deciz u stabbilit jekk it-talba tas-socjeta' attrici hijiex preskritta fil-konfront ta' David Portelli. Illi f'dan ir-rigward, il-konvenuti ddikjaraw illi l-Artikolu tal-Ligi applikabbli ghall-kaz odjern huwa l-Artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan kif jirrizulta mill-verbal tat-2 ta' Novembru, 2010.

Illi t-tip ta' rabta guridika bejn il-partijiet u t-tip ta' azzjoni proposta tiddetermina wkoll it-terminu li fih ghandha tigi istitwita azzjoni. Illi kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Dr Louis Cassar Pullicino noe vs Angelo Xuereb noe et**, deciza fit-3 ta' Lulju, 2003, "*L-ezistena o meno ta' din ir-rabta obbligatorja, oltre li tiddetermina n-natura ta' l-azzjoni ghad-danni tiddetermina wkoll it-terminu entro liema din l-istess azzjoni ghandha tigi istitwita. … Ghal dak li jirrigwarda l-preskrizzjoni relattiva ghall-azzjoni specifika, id-distinzjoni hija wahda semplici – azzjoni ghad-danni relattiva ghar-responsabbilita' contrattuale hija preskritta bid-dekors ta' terminu ta' hames snin, filwaqt li azzjoni ghad-danni relattiva ghar-responsabilita' extra contrattuale hija preskritta bid-dekors ta' terminu ta' sentejn – entrambe dekoribbli minn dakinhar li setghet tigi ezercitata l-azzjoni ghad-danni.*"

Illi l-istess gie dikjarat fil-kawza deciza mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Jannar, 1999 fil-kawza fl-ismijiet **Borda vs Arrigo Group of Hotels et**, u cioe' illi l-preskrizzjoni applikabbli tkun ta' hames snin jekk id-danni huma rizultat ta' inadempjenza ta' obbligazzjoni.

Illi applikat dan l-insenjament ghal-kaz in ezami, it-Tribunal huwa tal-fehma illi t-terminu preskrittiv applikabbli ghall-kaz in ezami, huwa ta' hames snin, gialadarba l-azzjoni odjerna tittratta dwar inadempjenza, jew ahjar, nuqqas ta' osservanza ta' kundizzjoni kontrattwali da parti tal-konvenut David Portelli. Illi tenut kont tal-fatt illi l-

vinkolu kontrattwali huwa specifikament bejn is-socjeta’ attrici u l-konvenut David Portelli, u l-azzjoni odjerna tittratta dwar inadempjenza kontrattwali da parti tal-istess konvenut, allura t-terminu preskrittiv ta’ sentejn sigurament mhux it-terminu applikabbli fil-konfront tieghu.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti, jordna l-prosegwiment tas-smiegh tal-kawza fuq il-mertu.

Jirrizerva li jipprovdi dwar l-ispejjez fis-sentenza finali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------